**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 1**
**Appell Nru: 110/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Sandro Zarb )**

**Vs**

**RAYMOND GAUCI,**
**ANTHONY BARTOLO.**

**Illum, 25 ta'Settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat il-Mandat ta' Arrest Provvizorju, mahrug mill-Magistrat Dott. Giovanni Grixti in forza ta' l-Artikolu 14 (1)(b) tal-Kap. 276, fis-6 ta'April, 2001, fil-konfront ta' **Raymond Gauci** u ta' **Anthony Bartolo** ( hawn aktar 'l quddiem imsejjhin 'l-appellati' ).

Rat ir-rapport ( datat 10 t'April, 2001 ) ta' l-Ufficcjal tal-Pulizija Spettur Sandro Zarb li permezz tieghu pprezenta taht arrest lill-appellati Raymond Gauci w Anthony Bartolo quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti.

Rat l-Awtorita' Ghall-Procediment mahruga mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja w Gvern Lokali skond l-Artikolu 13 ta' l-imsemmi Kap. 276, datata 20 ta'April, 2001, li permezz taghha, wara li ppremetta li l-Gvern tar-Repubblika ta' l-Italja, pajjiz barrani specifikat ai finijiet ta' l-Artikolu 7 ta' l-Att XVIII tal-1978 Dwar l-Estradizzjoni, kien ghamel talba biex jitpoggew lura f'dak il-pajjiz Raymond Gauci w Anthony Bartolo peress li dawn jinsabu akkuzati kif indikati fl-Iskeda markata bl-ittra "X" u annessa ma' l-istess imsemmi Att, ordna, bis-setgha moghtija lilu bl-Artikolu 13 ta' l-imsemmi Att, li jittiehdu proceduri kontra l-imsemmija Raymond Gauci w Anthony Bartolo kif hemm provdut f'dan l-Att.

Rat l-akkuzi mahruga mill-awtoritajiet Taljani kontra z-zewg appellati Raymond Gauci w Anthony Bartolo, datati 3 ta'Frar, 2001, kif wara emendati fis-6 ta'Marzu, 2001.

Rat id-decizjoni tal-Qorti Rimandanti tal-31 ta'Mejju, 2001, fejn qalghet li r-reati fiz-zewg akkuzi addebitati lill-appellati mill-awtoritajiet Taljani mhumiex reati ta' estradizzjoni, u, ghalhekk, ordnat r-rilaxx ta' l-istess appellati. In vista ta' din id-decizjoni taghha, dik il-Qorti dehrilha li ghalhekk ma kellhiex ghalfejn tidhol jew tezamina l-provi sabiex tara jekk 'prima facie' hemmx ragunijiet sabiex l-appellati jitpoggew taht Ordni ta'Kustodja ghall-fini tat-treggigh lura taghhom lejn l-Italja.

Rat ir-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali datat 4 ta'Gunju, 2001, li permezz tieghu talab li din il-Qorti *"joghgobha tirrevoka w thassar s-sentenza appellata u, minflok, tibghat lill-appellati Raymond Gauci w Anthony Bartolo ghall-fini tat-treggieh lura taht l-Att Dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276 tal-Ligijiet ta'Malta) ghar-rigward tar-reati kollha elenkati fl-iskeda mmarkatha 'X' annessa ma' l-Awtorita' ghall-Procediment tal-Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali ta' l-20 ta'April, 2001".*

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-deposizzjonijiet w d-dokumenti moghtija w esebiti.

Semghet lill-Assistent Avukat Generali Dott. Anthony Barbara ghall-Avukat Generali appellant, kif ukoll lill-Avukati Michael Sciriha, John Attard Montaldo w Anthony Cutajar ghall-appellati.

Accertat ruhu dwar :

a. l-identita' tal-persuni appellati quddiemha, cioe', Raymond Gauci w Anthony Bartolo;
b. il-prova tat-talba bil-miktub tal-pajjiz barrani, cioe' l-Italja li hu pajjiz skedat, u allura, hu "pajjiz barrani" ai termini ta' l-Artikolu 6 tal-Kap. 276;
c. l-Awtorita' Ghall-Procediment tal-Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali sabiex setghu jittiehdu dawn il-proceduri kontra l-imsemmija appellati;
d. il-Mandat barrani awtorizzanti l-arrest tal-persuni koncernati f'dawn il-proceduri, cioe', Raymond Gauci w Anthony Bartolo;
e. id-dettalji dwar fatti w ligijiet kostitwenti l-bazi ta' l-akkuzi, ukoll ir-reat jew reati in meritu w l-evidenza permezz ta'liema nhareg il-Mandat ta'Arrest Provizjorju kontra l-imsemmija Raymond Gauci w Anthony Bartolo, u sussegwentement l-Awtorita' Ghall-Procediment kontrihom mahrug mill-Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali.

Rat li dawn ir-rekwiziti preliminari kollha gew sodisfatti mill-aspett procedurali skond il-ligi.

**IKKUNSIDRAT :**

L-appellant Avukat Generali qed jappella mid-decizjoni tal-Qorti Rimandanti tal-31 ta'Mejju, 2001, cioe', id-decizjoni li r-reati li bihom huma akkuzati l-appellati mill-awtoritajiet Taljani mhumiex reati ta'estradizzjoni w l-ordni taghha li dawn jigu rilaxxjati. Dan kien ifisser, skond l-appellant, li bhala konsegwenza, it-talba biex dawn jitregghew lura lejn l-Italja ma kienetx giet milqugha minn dik il-Qorti.

L-**ewwel aggravju** ta' l-appellant Avukat Generali huwa li l-Qorti Rimandanti ghamlet enuncjazzjoni inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi meta rriteniet li ma hemmx reat fis-sistema legali Maltija li jista' jitqies bhala li hu sostanzjalment ta' l-istess natura jew xorta tar-reat kontemplat fl-Artikolu 416 tal-Kodici Penali Taljan, u cioe' ta' "*associazione a delinquere*".

It-**tieni aggravju** ta' l-appellant Avukat Generali huwa li l-Qorti Rimandanti rriteniet li r-reat kontinwat ta'dhul illegali ta'klandestini f'Malta ma jimportax piena ta'sena prigunerija peress li z-zieda fil-piena hija fakultativa, u, allura, anke dan ir-reat taht it-tieni akkuza mhux wiehed ta'estradizzjoni.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-fatti, fil-qosor, kienu li fit-23 ta'Marzu, 2001, il-Gvern Taljan kien talab l-estradizzjoni minn Malta taz-zewg appellati in konnessjoni ma' immigrazzjoni llegali ta'klandestini minn Malta ghall-Italja, aktar precizment, fi Sqallija. Skond l-awtoritajiet Taljani, kien irrizulta li l-appellati Raymond Gauci w Anthony Bartolo kienu involuti f'tali attivita' ben organizzata tul medda ta'zmien konsiderevoli, certament matul is-sena 2000. Gie allegat li xoghol l-appellat Anthony Bartolo kien li jiltaqa' mal-klandestini w jaghtihom akkomodazzjoni biex wara jehodhom fir-restaurant ta' l-appellat l-iehor Raymond Gauci, it-"Tuck Inn Bar & Restaurant", f'San Pawl il-Bahar, li kien il-'meeting point' fejn issir din l-attivita', u wara jittiehdu Sqallija bil-powerboat ta' l-istess Raymond Gauci.

Issa, qabel ma din il-Qorti tghaddi sabiex tikkunsidra dawn iz-zewg aggravji ta' l-appellant Avukat Generali, tixtieq tirrileva, u dan konformament ma'dak li gja' rriteniet fi proceduri ohra ta' estradizzjoni, kemm kif presjeduta kif ukoll diversament presjeduta (ara <u>App. Kri. 118/2001 'Il-Pulizija v. Fatiha Khallouf', dec. 25 ta'Settembru, 2001, u App. Kri. 116/2001 'Il-Pulizija v. Mohammed Abdel Monem Abbas Aly', dec. 13 ta'Awwissu, 2001</u>), li ghall-kull buon fini ghandu jigi puntwalizzat f'dan l-istadju ta' din id-decizjoni li fi kwistjonijiet

ta'estradizzjoni, anke fejn dawn jikkoncernaw Malta w l-Italja, dawn huma regolati b'dak kollu li tiddisponi l-Konvenzjoni Ewropea Dwar l-Estradizzjoni, liema trattat jifforma parti mill-korp legislattiv Malti. Din il-Konvenzjoni giet iffirmata w ratifikata minn Malta fl-14 ta'Marzu, 1996, u adottata tramite l-Avviz Legali 131/1996. Ma hemm ebda dubju, u dan ghar-ragunijiet isemmija fil-proceduri l-ohra li, a skans ta'ripetizzjoni, il-Qorti issa qed tghamel pjena riferenza ghalihom u tapplikahom fil-kaz prezenti, li Malta hija marbuta fuq livell internazzjonali b'din l-imsemmija Konvenzjoni li, ghalhekk, hija it-trattat jew arrangjament fis-sens ta' l-Artikolu 2 (1) ta' l-Att Dwar l-Estradizzjoni (Kap.276). Dan kollu qed jinghad l-ghaliex ghalkemm il-kwistjoni ta' l-applikazzjoni o meno tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar l-Estradizzjoni ma tidherx li tqanqlet quddiem il-Qorti Rimandanti, din issemmiet mill-appellant Avukat Generali fil-kors tat-trattazzjoni verbali tieghu ta' dan l-appell quddiem din il-Qorti, fejn issottometta li tali Konvenzjoni ma tapplikax l-ghaliex mhiex parti mil-korp legislattiv Malti, u, ghalhekk ghandu japplika biss dak kollu li jiddisponi il-Kap.276 (L-Att Dwar l-Estradizzjoni). Id-decizjonijiet fuq imsemmija ta' din il-Qorti juru l-kuntrarju ta'dak li qal l-appellant Avukat Generali.

Il-Qorti issa tghaddi biex tikkunsidra z-zewg aggravji ta' l-appellant Avukat Generali fl-ordni kif gew intavolati fl-appell tieghu.

**IKKUNSIDRAT FUQ L-EWWEL AGGRAVJU :**

Preliminarjament jigi rilevat li ma hemm ebda kontestazzjoni miz-zewg nahat li sal-lum, fis-sistema legali Malti, kuntrarjament ghal dak Taljan, ma tezistiex il-figura tar-reat komunement imsejjah *"conspiracy"*, cioe' r-reat ta' assoccjazzjoni sabiex tigi kommessa attivita' kriminali, bl-eccezzjoni ta' xi ligijiet partikolari fejn jiddisponu specifikatament li tali assoccjazzjoni, fiha nnifisha, tikkostitwixxi reat, bhal ma tiddisponi, per ezempju, l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta'Malta).

B'mod generali, normalment, l-elementi rikjesti sabiex jissussisti dan ir-reat ta' *"conspiracy"*, partikolarment f'dawk is-sistemi legali fejn dan huwa reat 'ut sic', bhal ma hu fl-Italja fejn jezisti r-reat ta' "*associazione a delinquere*", huma s-segwenti, u cioe', (**1**) irid ikun hemm xi forma ta' ftehim milhuq bejn tnejn/tlieta minn nies jew aktar (**2**) bl-intenzjoni specifika li jaghmlu attivita' kriminali.

Dawn huma r-rekwiziti li jifformaw dan ir-reat ta' "**associazione a delinquere**" taht l-Artikolu 416 tal-Kodici Penali Taljan. Dan l-Artikolu jiddisponi hekk testwalment :

> " *Quando tre o piu' persone si associano allo scopo di commettere piu' delitti, coloro che promuovono o costituiscono od organizzano l'associazione sono puniti, **per cio' solo**, con la reclusione da*……………."

Mela, skond il-ligi Taljana, malli jirrizultaw dawn iz-zewg elementi kollha flimkien, jigi kompletat jew immaturat dan ir-reat, u dan irrespettivament f'hiex kienet tikkonsisti dik l-attivita' illegali w jekk fil-fatt dik l-attivita' illegali avveratx ruha fl-apert jew le.

L-appellant Avukat Generali jaqbel pjenament li f'Malta ghad ma ghandniex dan ir-reat fih innifsu fil-ligi penali taghna, hlief f'xi ligijiet partikolari. Izda, b'dana kollu, hu jirritjeni li, in bazi ta' l-Artikolu 8 (1)(b)(2) tal-Kap. 276, mhux importanti jew essenzjali l-isem li bih jissejjah dan ir-reat jew id-deskrizzjoni moghtija lilu mill-pajjiz rikjedent u minn dak li qed issirlu t-talba ghall-estradizzjoni. Invece, jghid l-appellant Avukat Generali, dak li hu importanti, sabiex jigi deciz jekk reat hux wiehed ta'estradizzjoni jew le, hu li l-fatti li jaghtu lok ghal xi reat fil-pajjiz rikjedent jaghtu lok sostanzjalment ghal xi reat simili, jew ta' l-istess natura jew xorta, fil-pajjiz rikjest fejn, allura, ikunu jistghu jittiehdu passi kriminali fil-konfront tieghu wkoll.

L-appellant jissottometti, u effettivament hekk hu, li z-zewg appellati Gauci w Bartolo huma akkuzati mill-awtoritajiet Taljani li ppartecipaw fid-dhul ta' immigranti klandestini gewwa Sqallija matul is-sena 2000, u dan kemm bhala parti minn "associazione a delinquere", ai termini ta' l-Artikolu 416 tal-Kodici Penali Taljan u l-Artikolu 12 tad-Digriet tal-Ligi numru 286 tal-25 ta'Lulju, 1998, (l-ewwel akkuza), kemm ukoll billi hadu parti attiva w kienu responsabbli ghad-dhul ta' dawn il-klandestini ( u allura jistghu jigu kunsidrati anke bhala komplici) f'Donnalucata (RG) fit-12 ta'Settembru, 2000, u f'Marina di Ragusa fis-17 ta'Dicembru, 2000, dan bi ksur ta' l-Artikoli 110 u 12 ta' l-imsemmi Digriet tal-Ligi (it tieni akkuza). L-appellant jirritjeni li l-fatti kif allegati w deskritti mill-awtoritajiet Taljani, u li taw lok ghal dawn iz-zewg akkuzi, huma fatti li sostanzjalment jaghtu lok f'Malta ghar-reat taht l-Artikolu 32 ta' l-Att Dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217). Ghalhekk, jghid l-appellant, in bazi ta' l-Artikolu 8 (1)(b)(2) tal-Kap. 276, ir-reat taht l-ewwel akkuza mahruga mill-awtoritajiet Taljani, dak ta' "associazione a delinquere", hu, f'dan il-kaz partikolari, reat ta' estradizzjoni anke f'Malta. Hu jghid li ghalkemm teknikament f'Malta l-assoccjazzjoni biex tigi kommessa attivita' kriminali mhux reat ta' estradizzjoni, ghaliex dan ir-reat fih innifsu ma jezistiex fil-ligi kriminali taghna, pero' jekk il-fatti f'dan il-kaz in ezami juru mqarr l-elementi tat-tentattiv jew tal-komplicita' b'riferenza ghar-reat sostantiv li dwaru tkun allegata l-*"l-associazione a delinquere"*, allura, f'dawn ic-cirkostanzi dan ir-reat sottostanti l-*"associazione a delinquere"* jigi reat estradibbli in bazi ta' l-imsemmi Artikolu 8 (1)(b)(2) tal-Kap. 276.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi meta l-Artikolu 8 (1)(b)(2) tal-Kap. 276 jghid li hu rrilevanti l-isem jew deskrizzjoni li pajjiz rikjedent u dak rikjest jaghtu lil xi reat li jezisti taht is-sistema penali taghhom, basta li l-fatti f'dawn il-pajjizi sostanzjalment jaghtu lok ghal xi reat simili jew ta' l-istess natura jew xorta li jkun prosegwibbli b'azzjoni kriminali fiz-zewg pajjizi, dan id-dispost principalment qed jirreferi ghar-reat allegatament kommess fil-pajjiz rikjedent.

Fil-kaz in ezami, kif intqal, ir-reat fil-pajjiz rikjedent, l-Italja, li gie addebitat liz-zewg appellati taht l-ewwel akkuza, hu dak ta' "associazione a delinquere", kif stipulat fl-Artikolu 416 tal-Kodici Penali Taljan, bl-elementi kostituttivi kollha tieghu kif spjegati qabel, u dan dejjem irrespettivament f'hiex tikkonsisti l-attivita' kriminali u jekk twettqitx. Fid-dokumentazzjoni mibghuta mill-pajjiz rikjedent, u li tinsab f'dawn l-atti, hemm deskrizzjoni dettaljata tal-fatti li allegatament graw matul is-sena 2000, fejn hemm il-figura taz-zewg appellati bhala partecipanti fihom, u fejn hu ben deskritt is-sehem li kull wiehed minnhom allegatament ghamel f'din l-attivita' illegali organizzata.

Issa, pero', mill-punto di vista ta'Malta, il-pajjiz rikjest, dan ir-reat kif stipulat fl-Artikolu 416 tal-Kodici Penali Taljan, ma jezistiex, u lanqas ma jezisti f'Malta xi reat iehor li sostanzjalment hu l-istess jew hu ta' l-istess natura jew xorta. Ghalhekk hu ghall-kollox irrilevanti x'kienu l-fatti allegati ghaliex, kif jirrizulta mit-tifsir ta' l-elementi kostituttivi ta'dan ir-reat ta' *"associazione a delinquere"*, mhux xi rekwizit essenzjali ghall-kompletezza tieghu x'kienu l-fatti, x'kienet l-attivita' illegali, jekk sehhetx jew le. Li jibqa' dejjem essenzjali, pero', hu li jirrizulta l-ftehim kif qabel deskritt, akkompanjat mill-intenzjoni specfika li titwettaq attivita' kriminali.

Mela sabiex jigi applikabbli l-Artikolu 8 (1)(b)(2) tal-Kap. 276, il-Qorti trid tara jekk ir-reat ta' *"associazione a delinquere"* b'dawn l-elementi kostituttivi tieghu jezistiex kemm fil-pajjiz rikjedent (l-Italja), kif ukoll fil-pajjiz rikjest (Malta). Il-Qorti trid tara jekk fis-sistema legali Malti, ghalkemm, u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss u xejn aktar, jistghu jirrizultaw fatti fil-kaz in ezami, imqarr fuq bazi ta' prima facie, li juru li kien hemm ftehim bejn tnejn/tlieta minn nies jew aktar, bl-intenzjoni specifika li jikkommettu attivita' illegali, dan il-fatt wahdu, dawn l-elementi, jikkostitwixxux reat f'Malta li hu simili fin-natura jew fix-xorta tieghu ghar-reat ta' "associazione a delinquere" kif hemm fl-Italja, u li hu prosegwibbli kriminalment hawnhekk ukoll, minkejja d-deskrizzjoni jew nomenklatura li jinghata. Certament li fl-Italja dan jezisti, u daqstant hu cert li f'Malta le.

Il-fatti sostanzjali li jirreferi ghalihom l-Artikolu 8(1)(b)(2) tal-Kap. 276 iridu jkunu fatti li b'xi mod jirreferu jew jaghtu lok ghar-rekwiziti essenzjali ghar-reat komplut u maturat ta' l-*"associazione a delinquere",* jew simili. Jekk f'Malta dawn l-elementi ma jaghtu lok ghall-ebda reat prosegwibbli hawnhekk b'xi azzjoni kriminali, allura, huma x'inhuma l-fatti allegati, dawn qatt ma jistghu jwasslu f'Malta ghal xi tip ta'reat simili fin-natura jew xorta ghar-reat taht l-Artikolu 416 tal-Kodici Kriminali Taljan.

Din, fil-fehma tal-Qorti, hi l-interpretazzjoni korretta ta' l-Artikolu 8 (1)(b)(2) tal-Kap. 276, u mhux li r-reat ta' *"associazione a delinquere"* f'dan il-kaz in ezami jigi rez reat ta'estradizzjoni l-ghaliex, skond l-appellant Avukat Generali, il-fatti allegati huma sostanzjalment fatti li jaghtu lok ghal reat simili f'Malta. Tant hu hekk, dejjem in bazi ta' l-istess fatti allegati, l-awtoritajiet Taljani korrettement hargu bit-tieni akkuza kontra l-appellati, liema akkuza ghandha l-ingredjenti tal-komplicita' w tista' titqies bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza, u turi reat taht l-Artikolu 32 tal-Kap. 217 li huwa simili fin-natura jew xorta ghall-fatti allegati li taw lok ghar-reat addebitat f'din it-tieni akkuza.

Lanqas ma hu korrett l-Avukat Generali jghid li jekk jissussistu l-elementi tat-tentattiv jew tal-komplicita' b'riferenza ghar-reat sostantiv li dwaru tkun allegata l-"associazione a delinquere", allura r-reat sottostanti ghal dan ir-reat jigi reat estradibbli.

Dan hu hekk ghaliex anke logikament jekk f'Malta ma jezistiex ir-reat ta' l-"associazione a delinquere" fih innifsu, ma jista' qatt ikun hemm kwistjoni ta'tentattiv jew komplicita' fih jew fil-fatti li jaghtu lok ghalih. Se mai, it-tentattiv jew il-komplicita' fil-fatti kriminanti allegati jistghu jaghtu lok biss ghar-reat taht l-Artikolu 32 tal-Kap. 217. Fi ftit kliem, ma jistghax ikun hemm it-tentattiv jew il-komplicita' f'reat meta dan ir-reat mhux reat f'Malta. Ghalhekk il-Qorti Rimandanti kellha ragun tikkonkludi li r-reat taht l-ewwel akkuza mhux reat ta' estradizzjoni f'Malta, u fil-fatt cahdet it-talba f'dan ir-rigward. Ghalhekk, dan l-ewwel aggravju ta' l-appellant Avukat Generali huwa respint.

**IKKUNSIDRAT DWAR IT-TIENI AGGRAVJU :**

Il-Qorti Rimandanti cahdet it-talba ghall-hrug ta'Ordni ta'Kustodja ghall-fini tat-treggigh lura lejn l-Italja taz-zewg appellati taht it-tieni akkuza addebitata lilhom mill-awtoritajiet Taljani ghaliex irriteniet li l-piena karcerarja f'Malta ghar-reat simili addebitat liz-zewg appellati, cioe' ir-reat taht l-Artikolu 32 tal-Kap. 217, igorr piena karcerarja massima ta' sitt xhur, u mhux dak ta'sena minima kif rikjest bl-Artikolu 8 (1)(a) tal-Kap. 276, u dan ghall-fini ta'estradizzjoni jew sabiex reat jigi dikjarat bhala wiehed ta' estradizzjoni.

Minn naha tieghu, l-appellant Avukat Generali jikkontendi li din kienet enuncjazzjoni zbaljata da parti ta' dik il-Qorti ghaliex ir-reat msemmi fit-tieni akkuza huwa wiehed kontinwat, u allura, fis-sistema legali Malti reat ta' dik ix-xorta jew natura, bhal ma huwa r-reat imsemmi fl-Artikolu 32 tal-Kap. 217, meta hu wiehed kontinwat, ikun soggett ghall-piena mizjuda bi grad jew tnejn, fejn, allura, f'tali kaz, dan ikun jissodisfa r-rekwizit tal-piena karcerarja ta' sena fil-minimu.

Minn naha ta' l-appellati, l-argument taghhom hu li f'materji ta' estradizzjoni, ghall-fini tal-komputazzjoni tal-piena, reat ma jistghax jigi rez aktar gravi billi jizdiedu mieghu xi cirkostanzi biex b'hekk jigi soggett ghall-piena akbar minn dik li normalment hija applikabbli ghal dak ir-reat originali. Din hi r-raguni l-ghaliex, skond l-appellati, li din tal-kontinwat ma tistghax tapplika fil-kaz in ezami.

Issa qabel ma l-Qorti tghamel l-osservazzjonijiet taghha fuq dan l-aggravju, anke hawnhekk thoss li ghandhom jigu ccarati xi punti. L-ewwel nett fuq dak li jghid ezattament l-Artikolu 8 (1)(a) tal-Kap. 276 dwar il-minimu tal-piena. Jidher li hawnhekk il-Qorti Rimandanti fehmet li dan il-minimu ta'piena karcerarja japplika biss ghall-pajjiz rikjest, cioe' Malta. Dan mhux il-kaz. Dan l-Artikolu jsemmi dan ir-rekwizit ta'piena minima ta' sena prigunerija ezistenti fil-pajjiz rikjedent u jiddisponi li r-reat, li in konnessjoni mieghu tkun qed tintalab l-estradizzjoni, sabiex ikun reat ta'estradizzjoni f'Malta, irid igorr mieghu minimu

ta'sena prigunerija fil-pajjiz rikjedent. Dan l-Artikolu ma jistipula ebda minimu ta'piena karcerarja ghall-istess reat fil-pajjiz rikjest, cioe' Malta. Dan qed jinghad ghaliex jidher li l-Qorti Rimandanti fehmet li dan il-minimu ta'piena japplika f'Malta in bazi ta' dan l-Artikolu 8 (1)(a) tal-Kap. 276. Dan mhux il-kaz.

Barra minn hekk, dak li ma ssemmiex il-ligi ma jistghax jigi sostitwit jew mizjud b'xi interpretazzjoni. Fl-Att Dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276) ma hemm xejn x'jindika dwar il-minimu tal-piena karcerarja fil-pajjiz rikjest (Malta), kif gja' intqal. Tali nuqqas ma jistghax jigi interpretat, bhal ma jidher li ghamlet il-Qorti Rimandanti, fis-sens li dan hu indikattiv ghall-fatt li l-Istat Malti ma jkollux ghalfejn jestradixxi c-cittadini tieghu fuq akkuzi li jgibu piena zghira. Ta'min jghid ukoll li, fi kwalunkwe kaz, **fl-ewwel lok**, il-ligi ta' estradizzjoni mhiex qedha hemm ghac-cittadini Maltin biss, izda tapplika wkoll ghal kul min jinsab f'Malta fil-hin li ssir talba ghall-estradizzjoni tieghu minn xi pajjiz rikjedent, hi x'inhi ic-cittadinanza tieghu. **Fit-tieni lok**, il-minimu ta' sena prigunerija imsemmi fl-Artikolu 8 (1)(a) tal-Kap, 276, jerga' jinghad, mhux xi rekwizit impost fuq il-pajjiz rikjest sabiex jara jekk reat hux wiehed ta' estradizzjoni jew le, izda fuq il-pajjiz rikjedent, fis-sens li l-Istat Malti ma jkunx jista' jestradixxi persuni lejn pajjiz iehor jekk ir-reat f'dak il-pajjiz l-iehor ma jkunx soggett ghall-piena minima ta'sena prigunerija. **Fit-tielet lok**, il-biza li Malta jkollha testradixxi persuni anke fuq akkuzi li jgorru piena zghira hu sorvolat jew kontrollat b'dak li jiddisponu l-Artikoli 20 u 21 tal-Kap. 276.

Minkejja dan kollu li ntqal, pero', stante li, kif qalghet din il-Qorti fil-bidu nett ta' din id-decizjoni taghha, materji ta'estradizzjoni bejn Malta w l-Italja huma kontrollati bil-Konvenzjoni Ewropea Dwar l-Estradizzjoni, allura din il-kwistjoni tal-minimu tal-piena karcerarja hija regolata b'dak li jghid l-Artikolu 2 ta' din il-Konvenzjoni. U hu propju in bazi ta' dan li l-Qorti sejra tiddeciedi fuq dan it-tieni aggravju ta' l-appellant Avukat Generali.

Pero', qabel ma tghamel dan, il-Qorti tixtieq tikkjarifika punt iehor riferibbilment ghal dak li qalghet id-difiza ta' l-appellat Anthony Bartolo fejn issottomettiet li ma jirrizultax mill-akkuzi mahruga mill-awtoritajiet Taljani li hu kien involut fil-wasla tal-klandestini f'Donnalucata (RG) fit-12 ta'Settembru, 2000. Hu jghid li

ma kienx gie akkuzat li ha sehem f'dan ir-reat f'din id-data. L-appellat, ghalhekk, qed jikkontesta t-tieni akkuza dedotta kontrih, dik tar-reat kontinwat stante li ma kienx gie allegat kontrih li hu kellu x'jaqsam f'dan ir-reat f'din id-data. Hu jallega li din id-data giet mizjuda b'mala fede, b'mod ingust, sabiex jigi sodisfatt kontrih ir-rekwizit tal-minimu ta'sena prigunerija ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar l-Estradizzjoni.

Issa, apparti li xejn ma hu accettabbli li jsiru allegazzjonijiet infondati w bla bazi da parti ta' dan l-appellat fis-sens li kienet saret xi haga kontrih 'in mala fede', il-Qorti tara li f'din is-sottomissjoni tieghu l-appellat Bartolo mhux korrett. Jekk wiehed jara u jezamina sewwa l-akkuzi kif gew intavolati mill-awtoritajiet Taljani, cioe' dawk li hargu fit-3 ta'Frar, 2001 kif emendati fis-6 ta'Marzu, 2001, (u allura qabel ma waslet f'Malta id-dokumentazzjoni kollha necessarja sabiex jibdew proceduri ta'estradizzjoni hawnhekk), malajr ghandu jara w jirrizultalu bl-aktar mod car li dan l-appellat Bartolo, kif ukoll l-appellat Gauci, kienu gew addebitati bir-reat kontinwat ai termini ta' l-Artikolu 81 (para 2) tal-Kodici Penali Taljan, kif hemm indikat, u dan in bazi tal-fatti kif allegati w deskritti mill-awtoritajiet Taljani. L-awtoritajiet Taljani jallegaw li l-partecipazzjoni f'din l-attivita' illegali da parti taz-zewg appellati kienet wahda kontinwa, mhux ta' darba biss, u hu propju ghalhekk li gew addebitati bir-reat kontinwat, irrespettivament mid-dati msemmija.

F'dan l-isfond jew kuntest, tajjeb li l-Qorti ticcara wkoll xi aspetti fuq precizament x'inhi l-funzjoni tal-Qorti li quddiemha hemm proceduri ta'estradizzjoni, cioe', jew il-Qorti Rimandanti li quddiemha jinbdew dawn il-proceduri, kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell Kriminali li quddiemha jitkomplew dawn il-proceduri, bhal ma hu l-kaz prezenti.

Kif gja' kellha okkazzjoni taghmel f'decizjoni li tat din il-Qorti, kif presjeduta, illum stess, fl-<u>Appell Kriminali 118/2001 fl-isimijiet 'Il-Pulizija vs. Fatiha Khallouf'</u>, fi proceduri ta'estradizzjoni quddiem il-Qrati taghna ma tezistiex il-figura ta'persuna li tigi **mputata jew akkuzata b'reat**. F'dawn il-Qrati ma jigiex deciz jekk hemmx htija jew le, jekk hemmx responsabilita' kriminali jew le, ma tigiex uzurpata l-funzjoni ta' min finalment ghandu jiggudika. F'dawn il-

proceduri ma hemm ebda "*criminal charge to be determined*". Dawn huma proceduri intizi biex jigi stabbilit jekk hemmx il-presupposti fattwali w formali skond il-ligi, inkluza l-Kostituzzjoni (Art. 43), sabiex talba ta'pajjiz barrani ghat-treggigh lura lejn dak il-pajjiz ta'persuna partikolari tintlaqa'. Effettivament ghandu dejjem jigi nnutat u sottolineat li mhumiex il-Qrati Maltin li jordnaw l-estradizzjoni ta'persuna lejn pajjiz barrani rikjedent, izda tali Ordni ta'Treggigh Lura jinhareg finalment u biss mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja fid-diskrezzjoni tieghu (Art. 21 tal-Kap. 276).

Fis-smigh tal-proceduri ta'estradizzjoni, il-Qorti Rimandanti hi moghtija l-istess setghat, **safejn jista' jkun**, bhal dawk moghtija lill-Qorti tal-Kumpilazzjoni. B'dana kollu, pero', il-Qorti Rimandanti ma tikkonduciex istruttorja kif provdut fil-Kodici Kriminali, izda biss skond kif hemm provdut taht il-Kap. 276. Fil-fatt, fi proceduri ta'estradizzjoni, il-legislatur jaghti dritt ta'appell kemm lill-persuna rikjesta, kif ukoll lill-Avukat Generali, mid-decizjoni tal-Qorti Rimandanti jekk tordnax jew le li persuna tintbghat taht kustodja ghall-fini tat-treggigh taghha lura lejn pajjiz rikjedent, dan kuntrarjament ghal dak li jiddisponi il-Kodici Kriminali fuq decizjoni mehudha mill-Qorti Istruttorja fuq bazi ta' prima facie. Hija ferm cara, ghalhekk, l-intenzjoni tal-legislatur li l-mod ta' kif jigu trattati proceduri ta'estradizzjoni quddiem il-Qrati Maltin hu ghall-kollox **differenti** minn kif jigu trattati kawzi fejn persuna tkun normalment imputata jew akkuzata b'xi reat quddiem il-Qrati taghna.

Issa dan kollu qed jinghad sabiex il-Qorti tasal ghall-fehma jew decizjoni taghha dwar l-importanza tad-dati msemmija fit-tieni akkuza mahruga mill-awtoritajiet Taljani, dejjem in vista tal-fatt li f'proceduri ta'estradizzjoni ma hemmx '*a criminal charge to be determined*', jew fejn ma hemmx il-figura ta' l-akkuzat jew l-imputat, jew fejn ma tittiehed ebda decizjoni dwar htija jew le.

L-Awtorita' Ghall-Procediment mahruga mill-Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali ta' l-20 ta'April, 2001, bla ebda mod, ghalhekk, ma tista' titqies li hi xi forma ta'akkuza kontra l-appellati. Dawn ma tressqux quddiem il-Qrati Maltin biex jigu gudikati dwar xi reat addebitat lilhom mill-pajjiz rikjedent. L-imsemmija Awtorita' kull ma sservi hi biex jistghu jinbdew proceduri

ta'estradizzjoni skond id-dokumentazzjoni mibghuta mill-awtoritajiet Taljani. L-appellati ma ghaddewx proceduri fuq il-meritu hawn Malta. Dawk, se mai, isiru Ragusa u dan in bazi ta' l-akkuzi li hargu kontrihom minn hemmhekk u skond id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar l-Estradizzjoni. Mid-deskrizzjoni tal-fatti allegati, l-awtoritajiet Taljani dehrilhom li jakkuzaw liz-zewg appellati b'reat kontinwat, u anke waslu sabiex isemmu zewg dati specifici fit-tieni akkuza. Mhux il-kompitu tal-Qrati Maltin li jidhlu fil-meritu biex jaraw jekk tali akkuza hiex gustifikata jew le, biex jaraw jekk hux minnu li hemm xi reat kontinwat. Il-Qrati Maltin, fi proceduri ta'estradizzjoni, jistghu jaslu biss biex jaraw, fuq bazi ta'prima facie, jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex persuna titpogga taht kustodja ghall-fini tat-treggigh lura taghha lejn il-pajjiz rikjedent. Hu f'dak il-pajjiz, imbaghad li ssir il-kontestazzjoni fil-meritu ta' dawk l-akkuzi u mhux quddiem il-Qrati Maltin.

Hu propju f'dan l-isfond, ghalhekk, li f'dan l-istadju tal-proceduri, meta xejn ma jigi gudikat b'mod definittiv, allura, mhux daqshekk importanti il-kwistjoni tad-dati. Jerga' jinghad, l-akkuza tar-reat kontinwat giet addebitata liz-zewg appellati mill-awtoritajiet Taljani bl-emenda li saret fis-6 ta'Marzu, 2001, u saret in bazi tal-fatti li sa issa huma biss allegazzjonijiet.

Il-Qorti issa tghaddi sabiex tiddeciedi fuq it-tieni aggravju ta' l-appellant.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-appellati li fi kwistjoni ta'estradizzjoni, ma jittihidtx in kunsiderazzjoni l-element tal-kontinwat fir-reat ghall-fini tal-komputazzjoni tal-piena sabiex dak ir-reat ikun jista' jigi dikjarat estradibbli jew le. Hu fatt li meta si tratta ta' reat kontinwat, dan ma jkunx kaz ta'reat originali mizjuda mieghu xi cirkostanzi aggravanti, bhal ma hu l-kaz, per ezempju, ta' serq akkompanjat bil-kwalifiki tal-hin, mezz, valur, eccetera, liema cirkostanzi jaghmlu dan id-delitt aktar gravi.

Meta si tratta ta'reat kontinwat, il-ligi taghna tikkunsidrah dejjem bhala reat wiehed, "**a single offence**", bhal ma jsejjahlu l-Professur Mamo. Il-Mamo qatt ma jiddeskrivi dan ir-reat bhala xi wiehed akkompanjat b'cirkostanzi aggravanti.

Kif tghid il-ligi, biex reat ikun wiehed kontinwat, ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, jehtieg li jikkonkorru tlett rekwiziti, cioe' (**a**) diversi azzjonijiet (actions u mhux acts) li jivvjolaw l-istess disposizzjoni tal-ligi, (**b**) anke jekk maghmulha f'okkazzjonijiet differenti, u (**c**) li gew maghmulha dejjem bl-istess risoluzzjoni jew intenzjoni li tinkiser dik id-disposizzjoni tal-ligi. Meta hemm dawn it-tlett elementi, ghalkemm hemm diversi azzjonijiet, xorta dan ikun "a single offence", reat wiehed, dak kontinwat. Dan, mela, mhux xi reat aggravat kif qed jikkontendu l-appellati.

Issa ghal dik li hija l-piena, hu minnu li l-ligi tghid li f'kaz ta'reat kontinwat, il-Qorti **<u>tista</u>**' zzid il-piena bi grad jew tnejn. Il-Qorti Rimandanti qalghet li f'materji ta'estradizzjoni, il-fattur tal-kontinwat huwa rrilevanti ghaliex iz-zieda fil-piena hija wahda fakultativa, mhix tassativa, u l-ligi ta'estradizzjoni ma tghid xejn dwar din tal-kontinwat.

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan. Gja' ghamlet l-osservazzjoni taghha dwar dak li tghid il-ligi fl-Artikolu 8 (1)(a) tal-Kap. 276, u mhux sejra tirrepetih hawnhekk, pero' dak li qalghet qabel japplika ezattament hawnhekk. Izda, minkejja li hu minnu li din iz-zieda fil-piena bi grad jew tnejn hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, xorta jibqa' l-fatt li r-reat kontinwat ( u l-appellati huma akkuzati taht it-tieni akkuza b'reat kontinwat) hu **soggett** jew punibbli (**punishable** fit-test Ingliz) ghal dik il-piena mizjuda bi grad jew tnejn. Xorta jibqa' l-fatt, mela, li r-reat kontinwat addebitat liz-zewg appellati jgorr mieghu f'Malta l-piena hekk mizjuda. Fi kliem semplici, f'kaz li l-proceduri kienu ta'kompetenza Maltija, il-piena li setghet tinghata f'dan il-kaz ta'reat kontinwat taht l-Artikolu 32 tal-Kap. 217 kienet tilhaq il-minimu rikjest ta' sena prigunerija.

U dan li hu propju importanti f'kaz ta' estradizzjoni, cioe', ir-rekwizit li piena li xi reat hu soggett ghaliha, kemm fil-pajjiz rikjedent kif ukoll fil-pajjiz rikjest, ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar l-Estradizzjoni, ghall-istess jew simili fatti kriminanti, ma tkunx anqas minn sena prigunerija, jew piena akbar.

Fil-kaz in ezami, il-piena fl-Italja ghar-reat kontinwat addebitat liz-zewg appellati fit-tieni akkuza certament taqbez il-minimu ta' sena prigunerija, kemm ai fini ta' l-Artikolu 8 (1)(a) tal-Kap. 276 (bhala pajjiz rikjedent), kif ukoll ai fini ta' l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar l-Estradizzjoni. F'Malta, gja' la darba l-allegati fatti jindikaw reat sostanzjalment simili fin-natura jew fix-xorta tieghu, wiehed kontinwat, (dak taht l-Artikolu 32 tal-Kap. 217), anke hawnhekk, allura, dan ir-rekwizit tal-minimu ta'sena prigunerija ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar l-Estradizzjoni, jinsab sodisfatt ghaliex dan ir-reat, f'Malta, huwa soggett ghall-zieda fil-piena ta'grad jew tnejn ghall-iskop ta' dan l-Artikolu.  Ghalhekk it-tieni aggravju ta' l-appellant Avukat Generali huwa milqugh.

Il-Qorti hawnhekk tixtieq taghmel xi osservazzjonijiet b'riferenza ghal dak li ntqal mid-difiza ta' l-appellati waqt it-trattazzjoni verbali ta' dan l-appell in konnessjoni ma' zewg aspetti li semma l-Ispettur Sandro Zarb waqt ix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti Rimandanti f'dawn il-proceduri.

Fl-ewwel lok, gie sottomess mid-difiza li l-Ispettur Zarb kien xehed li z-zewg appellati qatt ma hargu minn Malta in konnessjoni mar-reati migjuba kontrihom. Ghalhekk, skond huma, dawn ir-reati li gew addebitati bihom mill-awtoritajiet Taljani ma jistghux jigu kunsidrati bhala reati ta' estradizzjoni f'Malta l-ghaliex qatt ma gew kunsmati fl-Italja. Dan ifisser li huma qedin jirrezistu l-gurisdizzjoni Taljana fuqhom.  Huma jghidu li minhabba din ir-raguni, huma ma jaqawx taht id-definizzjoni ta' "**kriminali mahruba**" kif moghtija fl-Artikolu 2 moqri flimkien ma' l-Artikolu 8 (1)(a) tal-Kap. 276.

Ghandu jigi rilevat, preliminarjament, li l-appellati ghandhom ragun limitatament, izda, ghar-reat taht l-ewwel akkuza, dak ta' "*associazione a delinquere*". Pero', dan mhux ghar-raguni li qed iressqu l-appellati, izda ghar-ragunijiet moghtija minn din il-Qorti meta kkunsidrat l-ewwel aggravju ta' l-appellant Avukat Generali.

Se mai, din l-eccezzjoni taghhom tista' ghalhekk tirreferi biss ghar-reat kontinwat taht it-tieni akkuza. Izda, hawnhekk, l-appellati mhumiex korretti. Mid-dokumentazzjoni esebita fl-atti, mibghuta mill-awtoritajiet Taljani, hemm fatti li jallegaw li dan ir-reat kontinwat, dak ta'dhul ta'immigranti klandestini b'mod organizzat matul is-sena 2000, kien gie kunsmat f'Sqallija, billi effettivament dawn il-klandestini kienu twasslu sa hemmhekk. Skond dawn il-fatti allegati, b'rizultat ta' l-investigazzjoni li ghamlu l-awtoritajiet Taljani, dawn kellhom suspett fundat u ragjonevoli f'xi persuni, fosthom iz-zewg appellati Raymond Gauci w Anthony Bartolo, li kienu responsabbli ghal din l-attivita' illegali f'dawn l-okkazzjonijiet.

Hu minnu li l-appellati jidher li qatt ma kienu fizikament prezenti gewwa Sqallija meta gie kunsmat dan ir-reat hemmhekk. Pero', dan il-fatt wahdu ma jezenthomx minn xi responsabilita' kriminali li jista' jkollhom.

L-awtoritajiet Taljani jallegaw li din l-attivita' illegali ma kienetx limitata ghall-Malta biss, izda kienet tinvolvi attivita' kriminali organizzata li kienet tinkludi pajjizi ta'l-Afrika ta'Fuq, bhall-Marokk, Malta w l-Italja, bl-involviment taz-zewg appellati, fost ohrajn.

Ma hemm ebda dubju, ghalhekk, li l-Italja ghandha kull interess li tipprocedi kontra kull min jidrilha li b'xi mod kien involut, anke bhala komplici, f'din l-attivita' illegali li kienet tibda minn pajjizi ohra, tkompli f'Malta w tispicca fl-Italja, anke jekk dawn il-persuni qatt ma kienu fizikament prezenti fl-Italja fil-mument li reati ta'din ix-xorta gew kunsmati hemmhekk. Ma hemm xejn straordinarju f'dan kollu. L-Italja hija wahda mill-pajjizi l-aktar milqghutha b'dan il-problema ta'immigrazzjoni klandestina organizzata fuq skala

internazzjonali. Fil-kaz in ezami jidher li l-Italja hi l-“**forum conveniens**” sabiex tmexxi kontra min jidrilha li kien reponsabbli ghad-dhul tal-klandestini gewwa t-territorju taghha, dan ghaliex hu evidenti li l-awtoritajiet Taljani ilhom xhur shah isegwu din l-attivita’, ghamlu l-investigazzjonijiet dettaljati mehtiega w gabru l-evidenza kollha necessarja.

Barra minn hekk, lanqas ma hi xi haga straordinarja li min ikun involut f’xi attivita’ illegali, specjalment meta tkun wahda organizzata internazzjonalment, fil-fatt ma jkunx prezenti fil-pajjiz fejn jigu kunsmati r-reati, bhal ma spiss jkunu l-komplici. Anzi in-nuqqas tal-presenza tal-komplici f’dak il-pajjiz fil-hin li jigi kunsmat ir-reat hemmhekk hija haga ferm komuni jew naturali, u hafna drabi tkun intiza appozitament ghall-skopijiet ta’ xi difiza f’xi proceduri kriminali li jistghu eventwalment jittiehdu fil-konfront tal-komplici. Jibqa’ il-fatt, pero’, li tali presenza fil-pajjiz fejn jigi kunsmat ir-reat mhiex essenzjali ai fini ta’gurisdizzjoni. Li hu importanti hu li jigi stabbilit u pruvat in-nexus bejn ir-reat fejn ikun gie kunsmat u l-persuna li allegatament kienet ippartecipat f’dak ir-reat b ‘xi mod.

It-tieni punt li ssemma mid-difiza b’rizultat ta’ dak li xehed l-Ispettur Sandro Zarb kien li f’dan il-kaz japplika l-principju tal-“**<u>ne bis in idem</u>**” taht id-dispost ta’ l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar l-Estradizzjoni.

L-appellati jissottomettu li f’dan il-kaz l-imsemmija regola tapplika in vista tax-xhieda ta’ l-imsemmi Spettur li sostanzjalment qal li wara li kien irceva rapporti mill-awtoritajiet Taljani fuq dan il-kaz, bl-allegat involviment ta’ l-appellati fih, hu kien ghamel l-istharrig tieghu safejn hi koncernata Malta, izda dehrlu li ma kellux bizzejjed evidenza biex ikun jista’ jipprocedi kontra z-zewg appellati fil-Qrati Maltin.

Fil-fehma ta’ l-appellati, din id-dikjarazzjoni ta’ l-Ispettur Sandro Zarb iggib ‘in vigore’ il-principju legali tal-“**ne bis in idem**” kif dispost bl-Artikolu 9 ta’ l-imsemmija Konvenzjoni.

Dan l-Artikolu 9 jghid hekk testwalament : " *Extradition <u>shall not be granted if final judgment has been passed</u> by the competent authorities of the Requested Party upon the person claimed in respect of the offence or offences for which extradition is requested. Extradition <u>may be refused</u> if the competent authorities of the Requested Party <u>have decided either not to institute or to terminate proceedings</u> in respect of the same offence or offences.*" (sottolinear tal-Qorti).

Dan l-Artikolu hu ferm car u kwazi lanqas ma hi mehtiega xi spjegazzjoni fuq dak li qed jiddisponi. L-ewwel part tieghu tghid b'mod tassattiv li l-estradizzjoni ma tinghatax meta hemm '<u>a final judgment</u>' mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiz rikjest, cioe' decizjoni definittiva li tirrendi l-kwistjoni bhala wahda 'res judicata'. Fit-tieni parti tieghu, dan l-Artikolu jhalli kollox <u>ghad-diskrezzjoni</u> ta' min finalment ghandu jiddeciedi jekk ireggax persuna lura lejn il-pajjiz rikjedent, u dan f'kaz fejn jkun gie deciz li jew (a) ma jittiehdux passi kriminali kontra dik il-persuna, jew (b) li jigu mwaqqfa dawk il-passi li jkun ittiehdu. Hawnhekk ir-rifjut li persuna titregga lura, f'dan it-tieni kaz, mhux xi wiehed tassattiv. Hu evidenti li dak li qal l-Ispettur Zarb jinkwadra ruhu fit-tieni parti ta' dan id-dispost. Ghalhekk, fil-kaz odjern, kuntrarjament ghal dak li l-appellati qed jghidu, hi haga kompletament diskrezzjonarja, u mhux tassattiva, jekk tigiex milqugha t-talba ghall-estradizzjoni taghhom jew le, b'mod li dan l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar l-Estradizzjoni ma japplikax fil-kaz taghhom.

Ghalhekk, ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, din il-Qorti, filwaqt li tichad l-ewwel aggravju ta' l-appellant Avukat Generali dan billi tiddikjara li r-reat taht l-ewwel akkuza mhux wiehed ta'estradizzjoni, qed tilqa' t-tieni aggravju tieghu w tiddikjara jew tiddeciedi li r-reat kontinwat kif addebitat lill-appellati taht it-tieni akkuza huwa wiehed ta' estradizzjoni.

Il-Qorti issa, ghalhekk, trid tghaddi biex tara jekk mill-provi li hemm fl-atti, hemmx ragunijiet bizzejjed skond il-ligi biex, fuq bazi ta' prima facie, tordna li l-appellati jintbghatu taht kustodja ghall-fini tat-treggigh lura taghhom lejn il-

pajjiz rikjedent biex hemm iwiegbu ghar-reat kontinwat lilhom addebitat taht it-tieni akkuza.

Gja' gie accennat qabel x'inhi precizament il-funzjoni tal-Qorti Rimandanti li quddiemha jinbdew proceduri ghall-estradizzjoni, kif ukoll il-funzjoni ta' din il-Qorti ta' l-Appell Kriminali li quddiemha jitkomplew dawn il-proceduri. Il-Qorti mhiex ser tirrepeti dak li gja' qalghet f'din id-decizjoni kif ukoll f'ohrajn. Gja' rreferiet ghad-differenzi li hemm bejn il-Qorti tal-Kumpilazzjoni u il-Qrati Maltin li quddiemhom hemm proceduri ta'estradizzjoni. Gja' qalghet, per ezempju, li a differenza tal-Qorti tal-Kumpilazzjoni, fi proceduri ta'estradizzjoni ma hemm ebda "criminal charge" li wiehed irid jirrispondi ghaliha jew li ghandha tigi deciza, ma tittiehed ebda decizjoni fuq responsabilita' kriminali jew fuq htija jew le. Fi ftit kliem, ma jsir xejn li b'xi jod jista' juzurpa l-funzjoni ta' min finalment ghandu jiggudika. Il-funzjoni, mela, tal-Qorti Rimandanti, u anke ta'din il-Qorti, hi biss li tara jekk mill-provi li hemm fl-atti hemmx ir-rekwiziti kollha necesarji skond il-ligi, fuq bazi ta' prima facie, biex tkun tista' tibghat il-persuna rikjesta taht kustodja biex din eventwalment jinhareg kontriha Ordni ta' Treggigh Lura mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja, u dan dejjem fid-diskrezzjoni lilu moghtija bl-Artikolu 21 tal-Kap. 276.

Issa, fil-kaz in ezami, apparti dak li qal l-Ispettur Giuseppe Magnani, meta xehed quddiem il-Qorti Rimandanti fit-30 t'April, 2001, minn ezami tal-provi kollha li hemm fl-atti, mid-dokumentazzjoni mibghuta mill-awtoritajiet Taljani, mid-deskrizzjoni dettaljata tal-fatti li allegatament graw matul is-sena 2000, mill-istharrig li sar sabiex tigi kontrollata din l-attivita' illegali ta'dhul tal-klandestini fi Sqallija matul dan il-perijodu, jidher, almenu fuq bazi **ta' prima facie**, li z-zewg appellati Raymond Gauci w Anthony Bartolo kienu involuti fid-dhul ta'immigranti klandestini f'Sqallija matul iz-zmien imsemmi fid-deskrizzjoni tal-fatti.

Jerga' jinghad, mhux il-funzjoni jew kompitu ta' dik il-Qorti li quddiemha hemm proceduri ta'estradizzjoni li tkun konvinta mill-htija ta' l-appellati f'dak li qed jigu akkuzati bih. Dawn huma proceduri 'sui generis' regolati b'ligi specjali, il-Kap. 276. Dik il-Qorti trid tara jekk il-provi li hemm fl-atti jwassluhiex sal-grad

tal-prima facie biex tibghat liz-zewg appellati taht kustodja ghall-fini tat-treggigh lura taghhom lejn il-pajjiz rikjedent. Dik il-Qorti, ghalhekk, ma tiddeciedi xejn dwar il-fatti allegati. Li trid tara dik il-Qorti hu jekk in bazi tal-provi li hemm, **hemmx probabilta' ta'htija**. Jekk jintlahaq dan il-grad, jekk il-Qorti tara li hemm probabilita' ta'htija, allura hi ghandha tibghat lill-persuna rikjesta taht kustodja biex titregga' lura lejn il-pajjiz rikjedent. Din hi kwistjoni ta' apprezzament tal-provi kollha fl-assjem u totalita' taghhom, u mhux b'xi mod spezzettat jew limitat biss ghal xi perijodu ta' zmien jew xi okkazzjoni partikolari. Barra minn dan, anke jekk dik il-Qorti jkollha dubju fuq din il-kwistjoni ta'probabilta' ta'htija, hi ma tistghax tiehu fuqha il-funzjoni ta' min ghandu finalment jiggudika fuq il-fatti, u, ghalhekk, f'tali kaz, anke fejn hemm dan id-dubju, hi xorta ghandha tibghat il-persuna rikjesta taht kustodja ghall-fini tat-treggigh taghha lura. Fi ftit kliem, il-Qorti li quddiemha jkun hemm proceduri ta'estradizzjoni m'ghandhiex tikkunsidra l-preponderanza tal-provi.

Issa, kif gja' intqal, minn ezami tal-provi kollha fit-totalita' taghhom, apparti dak kollu li setgha qal l-Ispettur Giuseppe Magnani, jidher fuq bazi ta' prima facie li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-appellati jintbghatu taht kustodja ghall-fini tat-treggigh lura taghhom lejn il-pajjiz rikjedent, salv dejjem id-diskrezzjoni tal-Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali.

Ghall-dawn il-motivi, il-Qorti qed tiddisponi mill-appell ta' l-Avukat Generali billi filwaqt li qed tichad it-talba tieghu biex hi tirrevoka w thassar id-decizjoni tal-Qorti Rimandanti dwar l-ewwel akkuza, u, ghalhekk qed tikkonferma dik id-decizjoni, qedha tilqghu fil-bqija tieghu, dan billi tirrevoka w thassar ir-rimanenti parti tad-decizjoni tal-Qorti Rimandanti ghar-rigward tat-tieni akkuza biss, billi tiddikjara r-reat kontinwat hemm dedott kontra l-appellati, bhala wiehed ta' estradizzjoni. Konsegwentement, il-Qorti qedha tordna li l-appellati Raymond Gauci w Anthony Bartolo jintbghatu biex jitpoggew taht kustodja ghall-fini tat-treggigh lura taghhom lejn l-Italja fuq din it-tieni akkuza msemmija, salv dejjem id-diskrezzjoni ta' l-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali skond l-Artikolu 21 tal-Kap. 276, u dan wara li kkonstatat li l-Artikolu 20 tal-Kap. 276 ma japplikax f'dan il-kaz ghaliex ebda wahda mir-ragunijiet hemm imsemmija ma tezisti.

Finalment, wara li l-Qorti rat l-Artikolu 16, 18 u 21 tal-Kap. 276, tipprefiggi zmien ta'hmistax (15) il-gurnata mil-lum sabiex l-appellati jkunu jistghu, jekk jidrilhom li xi wahda mid-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 276 giet miksura, jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta'Malta hija, giet jew x'aktarx ser tigi, miksura dwar il-persuna taghhom, hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika ta' l-Ordni ta'Kustodja, jipprocedu ghal rimedju skond id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta'Malta.  Fl-istess hin, il-Qorti qed tgharraf lill-appellati b'dan id-dritt li ghandhom li jipprocedu skond dan l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll qed tinfurmahom li skond l-Artikolu 21 (2)(a) tal-Kap. 276, huma mhiex ser jitregghu lura qabel ma jghaddu hmistax (15) il-gurnata mil-lum.

Tordna li kopja ufficcjali ta' din id-decizjoni tigi mibghuta mir-Registratur lill-Onorevoli  Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali.

( Onor. Imhallef Patrick Vella )

Aldo Testone
Deputat Registratur